# SAN KORONATU FIL-250 SENA TAL-PREŻENZA TIEGĦU FIL-PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL (1764-2014)

*Daniel Meilak*

250 sena wara, l-Għasar kien spiċċa. Instemgħet orkestra ddoqq biċċa mużika li kliemha kien bil-Latin. L-abbatini u l-kleru kienu daħlu lura fis-sagristija ħalli jippreparaw ruħhom. Xi ftit tal-ħin wara, mill-portiku tal-knisja deher ħiereġ standard u warajh serbut nies, min liebes ta' fratell, min ta' abbati u fl-aħħar żewġ ringieli qassisin u kanoniċi. Warajhom, merfugħa minn erba' qassisin oħra dehret ħierġa statwa ta' ġuvni żagħżugħ kollu armat sa snienu bil-korazza, l-elmu u t-tarka. Iżda ma kienx tal-ġlied. Kien f'pożizzjoni mistrieħa, u jekk tifli sew, kont tara partijiet minnu mtaqqbin u bil-ħġieġ. Hemm ġew għadam antik li ħadd ma jaf eżatt meta kien imlaħħam, jew x'għadda minn għalih. Wara l-istatwa, qassis ieħor bil-mitra f'rasu li kien l-Arċipriet, u maġenbu żewġ qassisin oħra bil-kappa. Imbagħad il-ftit nies li kien hemm fil-pjazza jaraw il-purċissjoni ħierġa, wara li ngħata salut bil-murtali, irħewlha wara din il-purċissjoni. Il-banda bdiet iddoqq ukoll. Il-purċissjoni kisret fuq ix-xellug tal-knisja u għabet. Anke l-qniepen waqfu jdoqqu. Iżda madwar tliet kwarti wara, il-qniepen reġgħu bdew idoqqu, il-banda reġgħet instemgħet riesqa ddoqq u f'kemm ilni ngħidlek il-purċissjoni kienet qed iddur mas-salib tal-pjazza. Donnhom kienu xi ftit mgħaġġlin għax beżgħu li ser traxxax ix-xita. L-ajru kien qed jiswied ġmielu u ma ridux li dak l-għadam jixxarbilhom għax kien għażiż wisq għalihom. Mis-salib tal-pjazza sat-taraġ taz-zuntier tal-knisja kien hemm xemgħat mixgħulin fuq kull naħa fejn kellu jgħaddi dan il-ġuvni żagħżugħ u xi tfal kienu jxejru xi bnadar f'idejhom. Meta l-purċissjoni daħlet, instemgħu xi ringrazzjamenti minn fuq l-ambone u n-nies libtet ħalli tieħu l-Barka Sagramentali.

## Minn taħt l-art

Il-katakombi li hemm ġewwa Ruma għandhom storja twila warajhom. Dawn il-kurrituri taħt l-art li jserrpu madwar Ruma sotterranja kienu mimlija bl-oqbra ta' nies li għal dawk li skavawhom kellhom dawl x'jitfgħu dwar Ruma, u b'mod speċifiku dwar il-Krtistjanità tal-ewwel sekli. L-ewwel nett, it-terminu 'katakombi' ġej mill-isem ta' wieħed mill-ħafna ċimiterji Rumani li kien jismu *coemeterium ad Catacumbas,* li aktar tard sar jismu San Bastjan. *Catacumbas*, mill-Grieg *kata kumbas* allura għall-bidu kienet referenza għal ċimiterju wieħed partikolari, iżda mbagħad sar jirreferi għaċ-ċimiterji kollha sotterranji.[1] Din li r-Rumani jħaffru ċ-ċimiterji tagħhom taħt l-art, dejjem fil-ġebla pjuttost ratba ta' taħt Ruma, kienet diġà prattikata sekli qabel mill-Etruski. Il-katakombi lanqas huma xi fenomenu esklussivament Ruman imma jinsabu wkoll f'postijiet oħra fl-Italja bħal f'Napli, fi Sqallija, u saħansitra anke f'Malta.[2] Iċ-ċimiterji sotterranji Kristjani setgħu kienu anke t-tkomplija ma' ċimiterji oħra pagani u dan jixhduh id-diversi oqbra pagani li jinsabu annessi mal-Katakombi Kristjani. Minħabba din il-prossimità fiżika u kulturali, l-Insara assimilaw ukoll influwenzi minn oqbra u masulej pagani f'dak li għandu x'jaqsam ma' stil u arti.[3]

L-insara li ħaffru dawn il-katakombi f'Ruma ma kinux jaqbdu sempliċiment iħaffru kif ġie ġie. Dakinhar, l-art li fiha ser iħaffru riedet tkun proprjetà tagħhom u jinħarġu l-permessi meħtieġa li jiġu miktuba fir-reġistri uffiċjali,[4] naturalment, 'il barra mis-swar tal-belt.[5] Dawk responsabbli mit-tħaffir u d-dfin kienu jissejħu *fossores*.[6] Fost il-kurrituri twal, kien hemm qishom fetħiet żgħar imsejħa *cubicula,* fejn familji jew ħbieb kienu jidfnu ħdejn xulxin. Anke l-oqbra huma differenti. Kien hemm dawk l-aktar għonja li kienu jkunu sarkofagi, uħud tal-irħam, kien hemm ukoll dak li jissejjaħ *arcosolium* – qabar fil-ħajt li fih jindifen il-korp imbagħad jingħalaq b'ħaġra nofs tond. L-oqbra komuni kienu msejħa *loculus*: qabar imħaffer fil-ħajt f'forma rettangulari. Dawk l-oqbra tal-art kienu msejħa *forma.* Meta l-art tkun ittieħdet kollha, ma kinux isibuha bi kbira ħalli jħaffru t-tieni, it-tielet u saħansitra r-raba' sular taħt l-art, iżda mhux normalment jaqilgħu l-mejtin ħalli jivvakaw l-oqbra. Xi oqbra kien fihom anke xi skrizzjonijiet jew disinji, kif ukoll xi oġġetti żgħar bħal-lampi, figuri tal-avorju, jew ħġieġ dekorat.[7] Instabu madwar 40,000 skrizzjoni fil-katakombi, normalment mal-oqbra tal-martri u dawk li mietu fil-persekuzzjonijiet tat-tielet u l-bidu tar-raba' seklu.[8]

Figuri astronomiċi kienu proposti minn diversi skulari għal kemm nies setgħu kienu midfuna f'dawn il-katakombi Rumani. Diffiċli tkun preċiż. Però huwa kkalkulat li bejn 500,000 u 750,000 ruħ setgħu kienu qegħdin midfunin f'dawn iċ-ċimiterji sotteranji. Dan qed ngħidu huma tal-insara f'Ruma ta' bejn is-snin A.D. 150 u 400. Il-komunità Nisranija Rumana f'dawn iż-żminijiet ma kinitx waħda kbira. Ruma, waqt li kienet laħqet il-popolazzjoni ta' madwar miljun ruħ fl-aqwa tagħha,[9] kellha madwar 10,000 Nisrani (1%) u wara l-Editt Kostantjan tal-A.D. 313[10] kellha mhux aktar minn 70,000 sa 80,000 Kristjan.[11]

Fir-raba' seklu, dawn il-katakombi kienu bdew isiru post ta' qima u pellegrinaġġi. L-oqbra tal-martri ġew imżejna, u fuq l-oqbra ta' dawk l-aktar importanti bħal San Lawrenz u Sant'Anjeże ġew mibnija bażiliċi prominenti. Fit-tieni nofs tal-istess seklu, il-Papa Damasu (366-384) kompla żejjen u kabbar l-oqbra tal-




Il-Korp-Sant ta' San Koronatu Martri, qabel is-sena 1951.
(bil-kortesija tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur)

martri u kiteb epigrammi fuq l-irħam biex jitpoġġew fuqhom. Il-katakombi kienu sarulhom ukoll xi arranġamenti ħalli jkun hemm aktar aċċessibilità għan-numru ta' pellegrini li jżuruhom.[12] Mas-seklu ħamsa iżda, l-użu ta' dawn il-katakombi nbidel u ma baqgħux aktar postijiet tad-dfin għalkemm dejjem baqgħu postijiet ta' qima u miżjura minn pellegrini mill-Ewropa kollha,[13] speċjalment meta fil-Medju Evu kiber il-kult lejn ir-relikwiji u saħansitra żviluppa negozju bihom. Il-Barbari li kienu ssakkeġġjaw lil Ruma kienu wkoll ħarbtu partijiet minn dawn il-katakombi u Aistulf, re tal-Lombardi, fis-seklu tmienja daħal fihom u seraq minnhom ħafna relikwiji. Il-Papat ma baqax aktar f'pożizzjoni li jista' jipproteġihom u Pawlu I (757-767) ħa diversi fdalijiet u poġġiehom fil-knejjes.[14]

## L-iskoperta

Dawn il-katakombi li kienu tilfu ċ-ċentralità tagħhom wara li fuq ħames mitt sena qabel kienu maqlugħin minnhom il-fdalijiet tal-martri, reġgħu bdew jiġu skoperti fis-seklu sittax. F'dan is-seklu, l-interess serju f'dawn iċ-ċimiterji sotterranji beda ġej mill-membri tal-*Accademia Romana degli Antiquari di Pomponio Leto*[15] li kien jinteressahom dak kollu li kien antik. L-ewwel li ta attenzjoni serja lil dawn il-katakombi kien Onofrio Panvinio. Warajh, fost l-oħrajn kien hemm Antonio Bosio, imwieled Malta, li tlaqqam il-Kristofru Kolombu tal-katakombi Rumani minħabba l-iskavi u l-iskoperti li għamel, bħallikieku sab 'kontinent' ieħor taħt l-art.[16] Bosio sab madwar tletin minn dawn il-katakombi u nħareġ ix-xogħol ewlieni tiegħu *Roma Sotterranea* postumament fl-1632.[17] Dan kien biss il-bidu. Għal sekli sħaħ wara Bosio, kilometri wara kilometri ta' katakombi baqgħu jiġu skavati, bl-eluf ta' skeletri u *objets d'art* dejjem ħerġin għad-dawl wara aktar minn millenju, uħud saħansitra millenju u nofs. Fl-1852, meta kien hemm Papa Piju IX (1846-1878) twaqqfet il-Kummissjoni għall-Arkeoloġija Sagra biex torganizza aħjar l-iskavi (li kienu għadhom għaddejjin avolja madwar tliet mitt sena wara Bosio) u anke kienet inkarigata mill-manteniment u ż-żamma tagħhom. Mill-1852 saż-żmien riċenti, reġgħu nstabu aktar minn erbgħin katakombi ġodda.[18] F'indirizz lill-membri tal-Istitut Pontifiċju għall-Arkeoloġija Kristjana fl-2008, il-Papa (Emeritu) Benedittu XVI (2005-2013) kien iddeskriva lill-arkeologi bħala dawk li joffru l-opportunità li tiġi studjata 'realtà kumplessa ... [jiġifieri] dik tal-Knisja fis-sekli bikrija, sabiex jinftiehem dan il-passat u jiġi magħmul rilevanti għan-nies tal-lum.'[19]

## San Koronatu: mill-belt ta' San Pietru u San Pawl għall-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl

Proprju minn dawn iċ-ċimiterji sotterranji li ġew imsejħa katakombi nqala' l-għadam ta' dan il-bniedem. Meta nqala' ma nafux. Minn fejn inqala' eżatt ma nafux. Jekk kienx martri jew le ma nafux. F'kelma waħda, dan l-għadam li sab ruħu n-Nadur fl-1763 jibqa' jostor misteru li forsi qatt ma jista' jiġi rivelat b'mod sħiħ. Li jista' jingħad huwa: l-ewwel, x'jgħid l-għadam innifsu; u t-tieni, dak li jgħid il-kuntest tiegħu, jiġifieri dan kollu li għidna hawn fuq dwar il-katakombi.

Dwar l-ewwel aspett, għadu ma sarx studju serju u xjentifiku dwar l-għadam ta' San Koronatu. Li jsir studju xjentifiku dwaru, bħal ngħidu aħna tad-DNA jew tal-Iddatar tal-Karbonju fost l-oħrajn illum huwa possibbli, però hemm żewġ naħat tal-munita ta' kif tiġi trattata din il-proposta. Min-naħa, hemm bżonn li ninqdew bil-mezzi li llum tagħti x-xjenza, ħalli nsiru nafu aktar dwaru. Min-naħa l-oħra iżda, jista' jiġi argumentat li x-xjenza mhi ser tbiddel xejn mill-artikli tal-fidi Nisranija, fis-sens li jinstab x'jinstab, il-valuri Nsara li għexet il-Knisja primittiva assumew status arketipiku u jibqgħu mudell għan-Nisrani tal-lum, allura forsi jiġi argumentat ukoll li aħjar ma jsir xejn studju xjentifiku dwaru u tibqa' biss il-fidi. Żewġ argumenti validi.

Dwar l-ewwel dimensjoni, madwar San Koronatu u matul is-snin inbena t-twemmin li dan huwa l-għadam ta' martri li miet fil-persekuzzjonijiet li bħalhom kien hemm rikurrenti f'Ruma tal-ewwel sekli tal-Kristjaneżimu. Dan fil-fatt ma jistax jiġi fundat bl-evidenza. Fil-katakombi ma kinux jindifnu biss il-martri. Hawn b'martri qed nifhmu dawk li xerrdu demmhom għall-fidi fis-sens strett tal-kelma, dak li jissejjaħ martirju aħmar.[20] Ħafna Nsara għexu u mietu b'mewta naturali u ndifnu fil-katakombi. Ma




Il-qoxra tan-Novena ppubblikata fl-1900 li tagħha l-kopji li fadal tgħoddhom fuq subgħajk.
(bil-kortesija ta' Daniel Meilak)

jfissirx li dawn in-nies ma tawx xhieda għat-twemmin tagħhom – dan setgħu għamluh permezz ta' ħajjithom. Iżda l-martri li xerrdu demmhom kienu miżmuma b'qima kbira u aktar tard immarkawlhom qabarhom. Għall-Insara, li tmut martri kien meqjus l-ogħla forma ta' kif tilħaq il-quċċata fil-ħajja Kristjana. Għalhekk, l-Insara li ma kinux imutu martri, li probabbli kienu fil-maġġoranza, kienu jridu li jindifnu qrib il-qabar ta' xi martri, għaliex kienu jaħsbu li l-fatt li jkunu midfunin ħdejn dawk li laħqu l-quċċata, jista' b'xi mod jgħinhom fil-ħajja 'l hemm mill-mewt.

L-evidenza li nġabet fil-passat biex turi li San Koronatu kien martri, jiġifieri li kien hemm ħdejh važett li jindika li kien fih id-demm tiegħu għax martri, ma hi evidenza xejn fil-verità. Dawn kienu jkunu mimlija bil-fwieħa, ritwal li l-ewwel Insara assimilaw mill-pagani, bħalma llum ħafna jieħdu l-fjuri fuq l-oqbra.[21] L-għadam tal-martri, ħafna minnhom ġew meħuda fi knejjes prominenti Rumani u madwar id-dinja b'ċerta solennità u għożża kbira, li allura ma nsibux referenza għalih fil-miġja ta' San Koronatu u tal-ħafna għadam ieħor li wasal f'diversi knejjes Maltin matul is-snin. Terġa' u tgħid li bħalma għamel Pawlu I, Paskal I (817-829) u s-suċċessuri tagħhom kienu diġà neħħew l-għadam tal-martri mill-katakombi u ħaduhom fi knejjes Rumani sekli sħaħ qabel is-seklu tmintax.

L-għadam ta' dan il-bniedem wasal f'Malta fl-1763. Kien qassis Malti f'Ruma, Dun Saverio D'Anastasio li akkwista dawn il-fdalijiet. D'Anastasio ddeċieda li jirregala dawn il-fdalijiet lill-Kappillan tan-Nadur Dun Salvatore Galea (1743-1778). Il-kappillan żammhom fid-dar tiegħu. Iżda ftit taż-żmien wara kien iddeċieda li jagħtihom lill-parroċċa u t-translazzjoni tiegħu saret mid-dar tal-Kappillan għall-knisja parrokkjali. Dawn il-fdalijiet tpoġġew fil-knisja l-antika, filwaqt li l-ġdida kienet bdiet tinbena madwar l-antika fl-1760. Waħda mill-ewwel deċiżjonijiet dwar dan il-għadam li nstab kienet li jagħtuh isem, u ġie deċiż li dan ikun Koronatu, li peress li kien hemm it-twemmin li dan kien martri li xerred demmu għall-fidi, allura safa inkurunat. Fit-translazzjoni li saret fit-23 ta' Settembru 1764 ħa sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' Għawdex[22] flimkien ma' diversi kappillani Għawdxin u Maltin u l-festa tawlet madwar erbat ijiem b'ċelebrazzjonijiet kemm reliġjużi u kemm soċjali. Il-knisja kienet ġiet imżejna u nkitbu ħafna skrizzjonijiet bil-Latin li kellhom x'jaqsmu mal-martri.[23]

Minn dak iż-żmien 'il quddiem, il-kult tiegħu mhux biss kiber, imma wkoll twaħħad b'mod naturali ma' dak tal-patruni tal-parroċċa San Pietru u San Pawl hekk li b'mod mhux uffiċjali beda jiġi meqjus bħala konpatrun titulari flimkien maż-żewġ Appostli. Id-devozzjoni tiegħu saret popolari nazzarda ngħid kważi daqs dik tagħhom, jekk mhux ukoll f'xi waqtiet aktar. L-Arċipriet ħabrieki u maħbub il-Kan. Martino Camilleri (1910-1922) kien sejjaħ lil San Koronatu 'patrun speċjali tan-Nadur,' u kien lilu li rringrazzjaw in-Nadurin talli l-Gwerra l-Kbira kienet ħelsitha lil Malta.[24] Sa mill-miġja tiegħu fin-



San Koronatu f'ritratt antik.
(bil-kortesija ta' Grace Galea)

Nadur 251 ilu, kienu diversi dawk li ġew mogħtija l-isem ta' Coronato jew Coronata, li bil-Malti qassarniehom Kurun, Natu, jew Nata.[25] Il-festa tiegħu ħabtet tikber ukoll u saret modesta, bi tridu, antifona mużikata mill-Arċipriet il-Kan. Antonio Camilleri (1922-1926), Pontifikal u Għosrien solenni u anke purċissjoni.

Diversi talb tfaċċaw matul is-sekli u fl-1900 kienet anke ġiet ippubblikata novena li sal-lum ftit għadhom jafu biha u li fiha Koronatu jissejjaħ 'Protettur ta' dan ir-raħal tagħna.'[26] Il-kopji tagħha li għadhom jeżistu tgħoddhom fuq subgħajk. Inkitbu wkoll żewġ kurunelli, bl-aħħar waħda tkun fl-1967. Ma naqsux ukoll il-leġġendi dwar dan il-fdal, fenomenu li ma seħħx fil-każ ta' San Pietru u San Pawl. Waqt li leġġenda jista' jkollha jew jista' ma jkollhiex bażi storika, imma tixhed stat ta' mentalità, jew mod ta' ħsieb u perċezzjoni tal-ħajja fi żmien u spazju konkret. Tixhed ukoll it-trasmissjoni ta' dak li komunità tkun trid temmen u tgħaddi lil ta' warajha. Waħda mil-leġġendi tgħid kif Dun Salvatore Galea ddeċieda li jagħti dal-ġisem lill-parroċċa wara li meta dan kien f'daru, kien isib l-għadam tiegħu kull filgħodu fuq il-għatba tal-knisja. Jew inkella ta' mara li n-Nadurin kienu laqqmuha 'il-Malvija' li żewġha kien isawwatha u kif dan San Koronatu deħrilha u eventwalment salvaha mir-rabja ta' żewġha.[27]

**San Koronatu fid-dell ta' San Pietru u San Pawl**

Hemm diversi aspetti fejn il-kult lejn San Koronatu jitwaħħad u jixbah lil dak ta' San Pietru u San Pawl. L-ewwel hija minħabba t-twemmin li nbena mal-fdalijiet tiegħu li dawn kienu ta' martri li xerred demmu għall-fidi Kristjana. B'dan il-mod, San Koronatu kien ta l-istess xhieda erojka li taw l-Appostli Pietru u Pawlu fis-snin 60 W.K. It-tieni aspett komuni hija l-Belt Eterna. F'dan m'hemmx twemmin biss, imma hemm iċ-ċertezza. Kemm San Koronatu u kemm l-Appostli Pietru u Pawlu kellhom x'jaqsmu ma' Ruma imperjali, il-qalba tad-dinja ta' dak iż-żmien. Tal-ewwel instab midfun f'wieħed miċ-ċimiterji sotterranji tal-belt, tat-tieni, għalkemm ma twildux hemm,[28] ħallew ħajjithom f'waħda mill-persekuzzjonijiet tal-bidu. Imbagħad, finalment hemm ukoll ix-xhieda tanġibbli u din kienet (u għadha) importanti ħafna fl-iżvilupp tal-kult lejn il-qaddisin. Qed nirreferi għall-preżenza tal-għadam. Minn banda, fin-Nadur jeżisti relikwarju li ġo fih (almenu jingħad li) hemm frammenti mill-għadam taż-żewġ appostli kbar, kofundaturi tal-Knisja. Għal San Koronatu ma ngħidux framment, għaliex ġewwa dik l-istatwa li naraw fin-niċċa tiegħu jeżisti l-iskeletru kollu.[29] Kienx martri jew le, dak l-għadam jagħti xhieda tal-Knisja bikrija, Knisja ħafna differenti fl-istruttura minn dik tal-lum, imma fil-Kredu tagħha l-istess. Dak l-għadam li aktar minn 1600 sena ilu kien bniedem



Il-purċissjoni bil-Korp-Sant ta' San Koronatu Martri – Sena 1951.
(bil-kortesija tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur)

vivaċi, xi darba rċieva l-magħmudija, stqarr il-fidi tiegħu bħalma jistqarru l-Kristjani llum. Il-preżenza tal-għadam ta' San Pietru u San Pawl, u aktar u aktar ta' San Koronatu huwa punt li għaqqad il-kult tagħhom flimkien, bħala xhieda tanġibbli ta' dawn il-Kristjani ta' żminijiet oħra iżda li jiffurmaw parti mill-knisja tal-lum u ta' għada wkoll, kemm dik terrena u kemm dik ċelesti.

© Daniel Meilak B.A. (Hons) (Melit.) • 2014.

Referenzi:


1 Vincenzo Fiocchi Nicolai, 'Origine e Sviluppo Delle Catacombe Romane', f'*Le Catacombe Cristiane di Roma: Origini, Sviluppo, Apparati Decorativi, Documentazione Epigrafica* (Regensburg, Schnell & Steiner, 1998), pp 9-69, 9.
2 L-aktar famużi huma dawk ta' Sant'Agata u San Pawl fir-Rabat tal-Imdina, iżda hemm oħrajn ukoll. Ludwig Hertling u Engelbert Kirschbaum, *The Roman Catacombs and Their Martyrs*, M. Joseph Costelloe (trad.) (1956. 2ni ed. Londra, Darton, Longman and Todd, 1975), 21-22.
3 L.V. Rutgers, *Subterranean Rome: In Search of the Roots of Christianity in the Catacombs of the Eternal City* (Leuven, Peeters, 2000), 60.
4 Hertling, 22.
5 Fil-belt ta' Malta (l-Imdina tal-lum), ġara l-istess. Il-katakombi kienu tħaffru 'il barra mis-swar (li llum huwa r-Rabat tal-Imdina).
6 Rutgers, 68.
7 Hertling, 30.
8 Rutgers, 71.
9 Miljun ruħ f'dawk iż-żminijiet kienet xi ħaġa kbira meta tqis li l-ewwel belt oħra li qatt laħqet dan in-numru kienet Londra lejn l-1800!



KURUNELLA

LILL-GLORJUZ MARTRI

SAN KORONATU

Meqjum fil-Knisja
Parrokkjali, Matrici,
Kolleggjata Insinji
u Bazilika
tan-Nadur, Ghawdex.

"Orphans' Press", Għajnsielem, Gozo.

Il-qoxra tal-Kurunella bid-data 1967.




Il-Korp-Sant ta' San Koronatu Martri.
(bil-kortesija tal-Parroċċa ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur)

10 L-Editt ta' Milan, mogħti mill-Imperatur Ruman Kostantinu I f'akkordju ma' Liċju, gvernatur tal-Balkani, kien iddikjara trattament aktar benevolenti favur l-Insara fl-Imperu Ruman. Minkejja li l-importanza ta' dan l-editt ma tistax tiġi mxejna, ħafna esaġeraw u qrawh bħala dak li ddikjara l-Kristjanità bħala r-reliġjon tal-istat Ruman. Fil-fatt, dan mhux minnu, imma ġie aktar tard lejn is-sena A.D. 380 taħt l-Imperatur Teodosju I. Huwa minnu l-Kristjani ngħataw il-libertà li jipprattikaw it-twemmin tagħhom u allura dan kien ta' solliev kbir mill-persekuzzjonijiet fil-Punent, iżda l-editt ta wkoll il-libertà lil kull reliġjon fl-Imperu vast li tipprattika dak li temmen – biex insejħulha hekk, ta l-libertà reliġjuża. Kostantinu I kien iddeċieda li jikkonverti wkoll għall-Kristjaneżimu, deċiżjoni rimarkabbli meta wieħed jikkunsidra dak li l-Kristjanità kien sofra minn Imperaturi preċedenti.

11 Hertling, 31-32.

12 Ibid., 46.

13 Rutgers, 72.

14 Hertling, 46-47.

15 L-Akkademja Rumana tal-Antikwarji ta' Pomponju Letu.

16 Vincenzo Fiocchi Nicolai, 'Origine e Sviluppo Delle Catacombe Romane', f'*Le Catacombe Cristiane di Roma: Origini, Sviluppo, Apparati Decorativi, Documentazione Epigrafica* (Regensburg, Schnell & Steiner, 1998), pp 9-69, 11.

17 Antonio Bosio, *Roma Sotterranea: opera postuma di Antonio Bosio Romano antiquario ecclesiastico singolare de' suoi tempi. Compita, disposta, & accresciuta dal M.R.P. Giouanni Seuerani da S. Seuerino ... Nella quale si tratta de' sacri cimiterii di Roma, del sito, ... Nuouamente visitati, e riconosciuti dal Sig. Ottavio Pico ... De' riti funerali ... Publicata dal Commendatore Fr. Carlo Aldobrandino ... herede dell'autore...* (Ruma, Guglielmo Facciotti, 1632).

18 Sarah Yeomans, 'City of the Dead: A Journey Through the Catacombs of Ancient Rome', f'*Archaeology*, Vol 61, no 4, July-Aug 2008 pp 55-58, 60-62, 56.

19 http://www.vatican.va/holy_father/benedict_xvi/speeches/2008/december/documents/hf_ben-xvi_spe_20081220_archeologia-cristiana_en.html__(aċċessat fis-6 t'April 2014).

20 Fil-bidu, il-kelma 'martri', li tfisser 'xhud', kienet aktar wiesgħa. Jissejjaħ matirju 'aħmar' għaliex proprju kien imdemmi.

21 Hertling, 30.

22 Illum il-Katidral.

23 Alexander Bonnici, *In-Nadur: Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Imxebilkin fil-Hajja Soċjali ta' Għawdex*, Vol I, (Malta, 1984), 225-227.

24 Alexander Bonnici, *In-Nadur: Ġrajjiet Kolleġġjata u Bażilika Imxebilkin fil-Hajja Soċjali ta' Għawdex*, Vol II, (Malta, 1988), 228.

25 Mhux kull min jismu Natu jew Nata huwa msemmi għal San Koronatu. L-ismijiet joqogħdu wkoll għal Fortunatu.

26 *Novena f'Ġieħ il-Glorius Martiri S. Coronatu* (Malta, Tipografia Paolo Cartuffo, 1900), 6.

27 Ara pereżempju Wiġi Vella, Il-Musa fil-Leġġendi Għawdxin, It-Tieni Ktieb. (Malta, Masprint, 1996), 44-48.

28 San Pawl kien ċittadin Ruman. Ara Atti 23, 27.

29 'Neqsin biss xi truf ta' xi swaba', jikteb Karm Caruana. Karm Caruana, *In-Nadur u t-Tempju Tiegħu Monumentali* (Malta, 1953), 64.